MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2024

Appell Inferjuri Numru 27/2024 LM

**Polash Mondol (K.I. nru. 304790A)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Polash Mondol (K.I. nru. 304790A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], fil-11 ta' April, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-intimat **l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], kif ġej:

> *"The Immigration Appeals Board finds that the grounds upon which the return decision and the removal order were issued on the 3rd of February, 2024 were issued on the basis that appellant was found working illegally and without the necessary authorisation, thus contravening the provisions of the law.*
>
> *From all the evidence produced, the Immigration Appeals Board rejects appeal and confirms the return decision and the removal order and entry ban issued against appellant dated 3rd February, 2024.*
>
> *Appeal is being rejected."*

## **Fatti**

2. L-intimat ħareġ ordni ta' ritorn u tneħħija, u *entry ban* fil-konfront tar-rikorrent fit-3 ta' Frar, 2024. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni. Fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Bord, ir-rikorrent spjega li huwa kien ilu jgħix Malta madwar sena u nofs, u kien impjegat fuq bażi *full-time* ma' G&P Borg Limited bħala *shuttering carpenter.* Ir-rikorrent spjega li huwa ma setax jgħaddi bis-salarju li kien qiegħed jirċeivi, u għalhekk iddeċieda li jsib impjieg *part-time* filgħaxijiet sabiex jaqla' xi ħaġa żejda wara l-ħin tax-xogħol. Spjega li wara li tkellem ma' xi ħbieb tiegħu, dawn infurmawh b'opportunità li hija ta' inqas tbatija mix-xogħol tal-kostruzzjoni, u għalhekk tkellem mal-*general manager* tal-Bellini Bar ġewwa San Ġiljan, u ddeċieda li jmur fuq il-post sabiex jara dan l-impjieg x'joffri. Qal li huwa qatta' xi ħin f'dan l-istabbiliment biex jiffamiljarizza ruħhu max-xogħol, mingħajr ma kien jaf jekk dan ix-xogħol kienx ser jiġi offrut lilu u b'liema kundizzjonijiet, u wara li kien ilu hemmhekk madwar sagħtejn, kien saret spezzjoni mhux mistennija mill-Pulizija tal-Immigrazzjoni u minn spetturi tal-JobsPlus. Ir-rikorrent qal li huwa kien ġie detenut dakinhar stess, wara li kien ilu fil-post biss ftit sigħat, u meta kien hemm biss bi prova sabiex jara jekk kienx komdu jaħdem f'dan il-post tax-xogħol. Qal li f'dak il-ħin huwa ma kien għadu

ġie offrut l-ebda impjieg, iżda kien qiegħed biss jagħti daqqa t'id sabiex jara jekk ix-xogħol kienx jogħġbu. Ir-rikorrent qal li meta l-Pulizija mit-Taqsima tal-Immigrazzjoni staqsewh jekk kellux permess tax-xogħol, huwa nfurmahom li l-permess li kellu kien sabiex ikun jista' jaħdem fl-impjieg *full-time* li kellu, u meta ġie mistoqsi dwar jekk kellux liċenzja sabiex jagħmel it-tieni impjieg, huwa infurmahom li huwa ma kienx qiegħed jaħdem fil-Bellini Bar, iżda kien hemm biss bi prova sabiex jara jekk ix-xogħol jogħġbux. Qal ukoll li huwa qatt ma ġie offrut impjieg mill-*general manager* tal-post, u din kienet l-ewwel darba li huwa ltaqa' ma' dan l-individwu. Ir-rikorrent qal li ħadd ma jista' jgħid li l-pożizzjoni tiegħu kienet waħda irregolari, għaliex huwa kellu permess tax-xogħol, u kien qiegħed iħallas it-taxxa f'Malta. Qal li dak iż-żmien huwa ried biss jesplora l-possibilità li jsib it-tieni impjieg għalih, sabiex ikollu introjtu addizzjonali. Qal li meta daħlu l-ispetturi tal-JobsPlus u l-Pulizija mit-Taqsima tal-Immigrazzjoni fuq il-post, huwa ma ppruvax jaħrab jew jikkawża inkwiet. Qal li huwa inzerta fil-post il-ħażin fil-ħin żbaljat, iżda ma kienx qiegħed jagħmel xi ħaġa illegali jew irregolari. Qal li għalhekk id-deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li jibagħtu lura lejn pajjiżu, hija sproporzjonata, u l-aġir tiegħu bl-ebda mod ma jista' jitqies li huwa ta' periklu għas-sigurtà pubblika jew għall-ordni pubbliku. Qal li huwa qatt ma kien ta' periklu għas-soċjetà Maltija, dejjem ħadem u dejjem ħallas it-taxxi dovuti minnu, u fi kwalunkwe każ huwa ma nstabx li kien qiegħed jaħdem irregolarment, għaliex meta saret l-ispezzjoni huwa ma kienx qiegħed jaħdem. Qal li fil-fatt ma tressqet l-ebda prova li huwa rċieva xi flus għax-xogħol li kien qiegħed jagħmel. Qal li apparti l-ordni ta' tkeċċija u ta' tneħħija, huwa jinsab iffaċċjat ukoll b'*entry ban* li jgħid li huwa ma jistax jirritorna lura Malta għal perijodu ta' tliet snin, u anki din id-deċiżjoni hija waħda sproporzjonata fil-

konfront tiegħu. Ir-rikorrent qal ukoll li l-irtirar tal-permess tax-xogħol tiegħu ifisser li huwa jinsab imċaħħad milli jkun jista' jaħdem f'Malta b'mod legali, u dan minkejja li l-prinċipal tiegħu fil-kumpannija fejn jaħdem, huwa ferm kuntent bix-xogħol tiegħu. Ir-rikorrent qal ukoll li l-intimat ma ġab l-ebda prova li fil-fatt huwa kien qiegħed jaħdem fil-Bellini Bar, u l-unika prova li tressqet fil-konfront tiegħu kienet li hemmhekk huwa kien qiegħed iġorr kaxxa. Qal li huwa spjega li ma kienx qiegħed jaħdem hemmhekk, iżda kien qiegħed hemm biss bi prova, u huwa ma kien ġie offrut l-ebda rimunerazzjoni jew ħlas. Ir-rikorrent qal li bid-deċiżjoni tal-intimat, inkiser il-prinċipju tal-*audi alteram partem* fil-konfront tiegħu, u dan għaliex id-deċiżjoni ta' ritorn, l-ordni ta' tneħħija u l-*entry ban* ttieħdu mingħajr ma huwa ngħata smigħ, u mingħajr ma ngħata ċans jispjega l-fatti tal-każ. Qal li għalhekk hemm lok fejn id-deċiżjoni tal-intimat tiġi annullata minħabba li din ittieħdet fuq il-preżunzjoni li huwa kien qiegħed jaħdem illegalment, u għalhekk, ladarba huwa ma kien qiegħed jirċievi l-ebda ħlas, il-Bord għandu jasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni ta' ritorn hija waħda żbaljata u bbażata fuq fatti inveritieri.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

3. Permezz tad-deċiżjoni appellata mogħtija fil-11 ta' April, 2024, il-Bord iddeċieda li l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"This is an appeal from a Return decision, Removal order and entry ban issued to appellant Polash Mondol, which return decision and removal order were issued on the 3rd of February, 2024 and handed to appellant on the same day.*
>
> *An appeal was lodged and received on the 6th of February, 2024. The Board held various sittings wherein appellant was given the possibility to submit documented*

*proof and evidence. Various witnesses were summoned to testify, and documented evidence was also produced.*

*Parties presented a note of submissions and appeal was set for judgment.*

*<u>Return decision and Removal order</u>*

*Grounds upon which return decision, removal order and entry ban have been issued are:*

- *You contravened the provisions of the Immigration Act or any of the regulations made thereunder;*
- *You are unable to show that you have the means of supporting yourself and your dependants (if any) or you or any or your dependants is likely to become a charge on the public funds;*

*During the hearing of this appeal, appellant requested the Immigration Appeals Board to consider granting him bail, and appellant was released on bail on the 23rd of February, 2024.*

***Facts of the case***

*The immigration appeals board was informed by the Inspector in charge that on the night of the 2nd and the 3rd of February 2024, an inspection took place by the Immigration Police and JobsPlus. The appellant was found by JobsPlus personnel working in Bellini Bar in Paceville and he was detained since he was not in possession of a permit authorising him to work a second employment. Appellant was authorised to work only with GP Borg as a carpenter.*

*Bernard Zarb, representative from JobsPlus testified under oath and confirmed that early Saturday morning, 3rd of February 2024, JobsPlus was undergoing a joint inspection with the Police and in one of the places namely Bellini Bar situated in Paceville appellant was behind the bar cleaning trays. When requested to present his identification and residence permit, appellant only produced residence permit with GP Borg Ltd registered as his employer.*

*Appellant was detained and issued with return decision and removal order.*

*In his note of submissions, appellant claims that he was not coping with the income he was receiving from his fulltime employment and this is the reason why he sought to find a part-time employment. This statement confirms one of the grounds issued by the Immigration police that appellant does not have sufficient funds to maintain himself. The other ground, that he contravened the provisions of the Immigration Act,*

*resulted when appellant carried out a secondary job without being authorised to do so.*

***Applicable Law***

*Article 5(1) of Chapter 217 of the Laws of Malta states that,* "any person, other than one having the right of entry, or of entry and residence, or of movement or transit under the preceding Parts, may be refused entry, and if he lands or is in Malta without leave from the Principal Immigration Officer, he shall be a prohibited immigrant."

*Article 5(2) then goes on to say,*

"(a) if he is unable to show that he has the means of supporting himself and his dependants (if any) or if he and any of his dependants is likely to become a charge on the public funds;

(b) if he is suffering from mental disorder or is a mental defective; or

(c) if, having landed in Malta pursuant to or under any regulation made under Article 44 and / or 50 of the provisions of the Prevention of Disease Ordinance, he is still in Malta after the lapse of the period of 15 days from the day on which the Superintendent of Public Health certifies in writing that the stay of such person in Malta is no longer required under and for the purpose of such regulation; or

(d) if he is found guilty by a court of Criminal Jurisdiction in Malta of an offence against any of the provisions of the White Slave Traffic (Suppression) Ordinance or of the Dangerous Drugs Ordinance or of a crime, other than involuntary homicide or involuntary bodily harm, which, in the case of a first crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term of not less than one year, or in the case of a second or a subsequent crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term not less than three months; or

**(e) if he contravenes any of the provisions of this Act or of any regulations made thereunder**; or

(f) if he does not comply or ceases to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which he was granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit; or

(g) if any circumstance which determined the granting of leave to land or to land and remain in Malta or the extension of such leave or the granting of a residence permit ceases to exist; or

(h) if such person is a prostitute; or

(i) If he is dependent of a person who is a prohibited immigrant under any of the provisions of this sub-article."'

## L-Appell

4. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-22 ta' April, 2024, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-11 ta' April, 2024, u tibgħat l-atti lura lill-Bord sabiex wara li jkollu fil-pussess tiegħu d-dokumenti kollha, u wara li jisma' lill-partijiet, jgħaddi għad-deċiżjoni, jew, fin-nuqqas, wara li din il-Qorti tisma' lill-partijiet u tiddeċiedi fil-mertu, tilqa' t-talba tar-rikorrent, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

5. L-appellant qal li huwa kellu permess uniku (*Single Permit*) għal kollox regolari, u li abbażi tiegħu huwa kien jgħix u jaħdem f'Malta. Qal li f'jum partikolari huwa nstab f'post li ma kienx il-post tax-xogħol tiegħu, u ġie konkluż mill-Pulizija tal-Immigrazzjoni u minn JobsPlus li huwa kien qiegħed jaħdem f'dan il-post mingħajr permess, u mingħajr ma kellu l-awtorizzazzjoni meħtieġa. Qal li huwa ġie detenut, u fil-konfront tiegħu nħarġu Deċiżjoni ta' Ritorn, Ordni ta' Tneħħija, u *Entry Ban,* u wara li appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord, issa qiegħed iressaq l-appell tiegħu quddiem din il-Qorti. L-appellant qal li l-Bord iddeċieda li jiċħad l-appell tiegħu, wara li kkunsidra l-evidenza kollha ppreżentata, iżda qal li meta wieħed jifli l-proċess, ma jsib xejn minn dawn il-provi. Qal li huwa għandu kopja ta' kull folja li tagħmel parti minn dan il-proċess sad-data tal-intavolar tal-appell tiegħu, u li ma jirriżultaw l-ebda provi li għalihom suppost sar riferiment fid-deċiżjoni appellata. Qal li hija massima aċċettata u stabbilita fil-ġurisprudenza li *quod non est in acti non est in mundi,* u għalhekk mhuwiex aċċettabbli li tingħata deċiżjoni fuq 'fatti' li m'hemm l-

ebda prova dwarhom fil-proċess. Qal li dan huwa importanti ferm, għaliex id-dritt ta' smigħ xieraq jitlob mhux biss li l-ġustizzja ssir, iżda anki li tidher li qed issir. Qal li hawnhekk ma jistax jitqies li saret ġustizzja miegħu għaliex fl-inkartament m'hemm l-ebda provi, u dan imur kontra l-proċedura ta' kif għandhom jiġu deċiżi l-kawżi fuq il-provi prodotti, liema provi jridu jkunu aċċessibbli għall-partijiet, tal-anqas bħala salvagwardja tal-applikazzjoni korretta tan-normi legali fil-konfront tal-provi mressqa.

6. L-appellant qal li biex huwa jitqies li kien qiegħed jaħdem mingħajr permess, jeħtieġ fl-ewwel lok li jirriżulta li huwa kien qiegħed jaħdem. Qal li fil-każ odjern dan ma ġiex ippruvat, għaliex fil-proċess m'hemm l-ebda prova dwar dan, jew tax-xogħol allegat. Qal li l-fatt li huwa kien qiegħed f'post tax-xogħol, ma jfissirx li kien qiegħed jaħdem, u lanqas ma jfisser li kien hemm l-elementi kollha meħtieġa sabiex ikun hemm rapport bejn impjegat u min iħaddmu. Qal li fin-nuqqas ta' provi dwar dan, ma jistax jingħad li huwa kien qiegħed jikser xi provvediment tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jew ta' xi regoli magħmula taħtu, u l-Bord lanqas ma indika liema huma dawn ir-regoli. Hawnhekk l-appellant staqsa liema provi ġew ikkonsultati mill-Bord meta dan ikkonkluda li huwa kien qiegħed jagħmel xogħol sekondarju mingħajr ma kien awtorizzat jagħmel dan.

7. L-appellant qal ukoll li huwa mkien ma qal li huwa mhuwiex kapaċi jmantni lilu nnifsu. Spjega li huwa xtaq biss itejjeb il-pożizzjoni tiegħu, u dan mhuwiex fattur li wieħed fuqu jista' jibbaża Ordni ta' Tneħħija jew Deċiżjoni ta' Ritorn. Qal li wieħed jipprova jgħin ruħhu u jtejjeb il-pożizzjoni tiegħu, ma jfissirx li qabel jibda jfittex opportunità ta' impjieg ieħor ma jkunx qiegħed jirnexxielu jmantni lilu nnifsu. Qal li lanqas dwar dan il-punt m'hemm prova, u

din hija biss konklużjoni perikoluża bbażata fuq assunzjonijiet u ħsieb spekulattiv.

8. B'riferiment għal-fatt li d-dokumenti li fuqhom qed jiġi deċiż li l-appellant għandu jitneħħa minn Malta jirreferu għal data li ma taqbilx mal-fatti tal-każ, l-appellant qal li filwaqt li l-akkadut li wassal għal dawn il-proċeduri seħħ fi Frar 2024, id-dokumenti annessi juru data għal kollox differenti u jirreferu għas-sena 2023, bħala s-sena li fiha ġew maħruġa. Qal li għalhekk hemm dubju dwar meta ħarġu dawn id-dokumenti, u kull dubju għandu jxaqleb favur tiegħu, li wara li kien stabbilixxa ruħhu ġewwa Malta fejn kien qiegħed jgħix u jaħdem, skont il-permessi maħruġa lilu, issa qiegħed jiġi mkeċċi abbażi ta' dokumenti li jirreferu għal data li ma taqbilx mal-fatti tal-każ. Qal li għalhekk il-Bord ma setax jiċħad l-appell tiegħu, ladarba d-deċiżjonijiet appellati kienu qegħdin jirreferu għal data differenti minn dik li fiha nħarġu d-dokumenti. L-appellant ikkonkluda billi qal li l-Bord, li għandu funzjoni li jisma' u jiddeċiedi appelli minn deċiżjonijiet partikolari, għandu bħala tali l-obbligu li jara li l-proċess immexxi minnu jimxi skont il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, fosthom li wieħed ikun jista' jsemma' l-każ tiegħu, u li s-setgħa diskrezzjonali tal-Bord tkun imħaddma b'rispett għall-istess prinċipji. L-appellant qal li għalhekk huwa jħoss li d-deċiżjoni mhijiex ġusta fil-konfront tiegħu, meta din tirreferi għal provi li ma jirriżultawx mill-atti, u hija bbażata fuq dokumenti maħruġa sena qabel seħħew il-fatti ta' dan il-każ.

## Ir-Risposta tal-Appell

9. L-appellat wieġeb li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u korretta, u għandha tiġi kkonfermata *in toto.* Qal li l-appell intavolat mill-appellat, huwa null u

inammissibbli għaliex *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217, appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punti ta' dritt rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III. Qal li l-appellant, mhux persuna msemmija fit-Taqsima III ladarba mhux ċittadin ta' Stat Membru u lanqas ma jinsab leġittimament fit-territorju ta' Stat marbut bi Ftehim dwar il-Fruntiera. Qal ukoll li l-aggravji proposti mill-appellant huma maħsuba sabiex issir reviżjoni tal-provi mressqa quddiem il-Bord, u mhux sabiex jiġi indirizzat xi punt ta' dritt, u din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-Bord. Mingħajr preġudizzju għall-predett, l-appellat qal li l-appellant naqas milli jippreżenta kopja tad-deċiżjoni tal-Bord minkejja li jiċċita direttament minnha. L-appellat qal ukoll li mhuwiex minnu li fl-inkartament tal-proċess tal-Bord ma jeżistux provi in atti. L-appellat qal li huwa nforma lill-Bord permezz tal-Ispettur Hubert Gerada, li bejn il-lejl tat-2 ta' Frar u t-3 ta' Frar, 2024, saret spezzjoni minnu u minn rappreżentanti tal-JobsPlus, fejn l-appellant instab li kien qiegħed jaħdem f'Bellini Bar ġewwa Paceville, minkejja li ma kellu l-ebda permess sabiex jaħdem impjieg sekondarju. Qal li l-uniku *work permit* li kellu l-appellant kien sabiex jaħdem bħala mastrudaxxa ma' GP Borg Limited. L-appellat qal li r-rappreżentant ta' JobsPlus xehed taħt ġurament quddiem il-Bord, u kkonferma li fl-ewwel sigħat tas-Sibt filgħodu tat-3 ta' Frar, 2024, JobsPlus u l-Pulizija kienu qegħdin jagħmlu spezzjoni ġewwa Paceville, u l-appellant instab wara l-bar inaddaf xi trays. Qal li meta l-appellant intalab juri l-identifikazzjoni tiegħu, u l-permess ta' residenza, huwa pprovda biss il-permess ta' residenza li juri li ikellu permess jaħdem ma' GP Borg Limited, u kien għalhekk li dan ġie detenut u nħarġu l-ordni ta' tneħħija u d-deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront tiegħu. L-appellat qal li kien l-

appellant stess li quddiem il-Bord iddikjara li huwa kellu bżonn impjieg sekondarju għaliex ma setax ilaħħaq bid-dħul li kellu mill-impjieg primarju. Qal li għalhekk għandu jirriżulta li mhux minnu li l-Bord straħ fuq provi ineżistenti jew li ma jirriżultawx mill-proċess.

10. L-appellat qal li għandu jkun ovvju mill-fatti kif spjegati, li l-appellant kien qiegħed jaħdem f'impjieg ieħor, u li dan l-impjieg ma kienx kopert b'permess. Qal li l-appellant inqabad b'mod flagranti jaħdem wara bar ta' stabbiliment kif jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tal-JobsPlus u mir-ritratti esebiti, u kien l-appellant stess li ammetta li huwa kellu bżonn impjieg sekondarju għaliex ma kienx qiegħed ilaħħaq bid-dħul mill-ewwel impjieg tiegħu. L-appellat qal li għalhekk huwa inkonċepibbli kif l-appellant qiegħed jargumenta f'dan l-istadju li kien hemm dubju jekk huwa kienx qiegħed jaħdem f'impjieg ieħor mhux awtorizzat.

11. B'riferiment għall-aggravju tal-appellant li mhux minnu li huwa ma setax imantni lilu nnifsu, l-appellat qal li kien l-appellant stess li ammetta li huwa kellu bżonn l-impjieg sekondarju għaliex kellu bżonn jimmeljora l-introjtu tiegħu, u għalhekk għandu jirriżuta li ġiet sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet fl-ordni ta' tneħħija, jiġifieri l-fatt li l-appellant ma weriex li kellu mezzi suffiċjenti sabiex ikun jista' jmantni lilu nnifsu. Qal li dan l-aggravju ma jistax jitressaq fuq bażi ta' 'mingħajr preġudizzju' għaliex jolqot il-mertu ta' dan l-appell, u għalhekk l-appellant inqabad jaħdem impjieg ieħor li ma kienx kopert bil-permess tal-awtoritajiet. Qal li dan ifisser li l-appellant kiser ukoll il-kundizzjoni (e) tal-artikolu 5 tal-Kap. 217. Qal li għalhekk dan l-aggravju għandu jirriżulta li huwa legalment u fattwalment żbaljat.

12. B'riferiment għad-dati mniżżla fuq id-dokumenti, l-appellat jgħid li minkejja li fuq l-ordni ta' tneħħija u fuq id-deċiżjoni ta' ritorn hemm imniżżla d-data tat-3 ta' Frar, 2023, fuq l-istess dokument hemm timbru bid-data tat-3 ta' Frar, 2024, bl-isem tal-Ispettur Hubert Gerada bħala rappreżentant tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, u saħansitra bil-firma tiegħu. L-appellat qal li għalhekk għandu jirriżulta b'mod ċar li d-data mniżżla fid-dokument fil-parti t'isfel, hija żball tal-kitba u hija *de minimis,* fid-dawl tal-fatt li fuq l-istess dokument hemm timbru ċar bid-data u l-firma tal-Ispettur rappreżentant tal-appellat. L-appellat qal ukoll li huwa ovvju li sabiex l-appellant appella mid-deċiżjoni tat-3 ta' Frar, 2024 fis-6 ta' Frar, 2024, u għalhekk fi żmien tliett ijiem stabbilit mil-liġi, bilfors li d-data korretta hija dik tat-3 ta' Frar, 2024 u mhux it-3 ta' Frar, 2023, għaliex li kieku l-appell tal-appellant quddiem il-Bord kien jitqies li huwa *fuori termine,* u għalhekk anki dan l-appell kien ikun improponibbli. Qal ukoll li fi kwalunkwe każ, kwalsiasi differenza jew żball fid-data ma ġabet l-ebda preġudizzju lill-appellant, u għalhekk hija irrelevanti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

13. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Bord fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mill-appellat. B'riferiment għall-eċċezzjoni mressqa mill-appellat, li r-rikors tal-appell tal-appellant għandu jitqies li huwa null minħabba f'dak li jipprovdi l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217, il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ma jistax jingħad li l-appellant ma jinsabx fit-territorju Malti b'mod leġittimu, ladarba ġie ppruvat

li sakemm saret l-ispezzjoni mill-uffiċjali mill-Pulizija tal-Immigrazzjoni u minn uffiċjali tal-JobsPlus, l-appellant kien kopert b'permess ta' residenza u xogħol. Il-Qorti tirrileva li għad irid jiġi deċiż dan l-appell sabiex jiġi determinat jekk l-appellant huwiex qiegħed fit-territorju Malti b'mod leġittimu, jew inkella jekk kienx hemm xi azzjoni li huwa għamel, li rrendiet il-preżenza tiegħu f'Malta bħala wieħed irregolari. Għaldaqstant il-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan l-appell, għaliex ma tistax teskludi *a priori* l-jedd tal-appellant li jressaq dan l-appell.

*L-Ewwel Aggravju: [Il-provi li straħ fuqhom il-Bord]*

14. L-appellant jgħid li fil-każ odjern il-Bord ma kellux provi x'jikkonsulta qabel ma wasal għall-konklużjoni li huwa kiser xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 217. Jgħid li dakinhar li saret l-ispezzjoni minn uffiċjali pubbliċi, u konsegwentement inżamm f'ċentru tad-detenzjoni, u sussegwentement inħarġu d-Deċiżjoni ta' Ritorn, l-Ordni ta' Tkeċċija u l-*Entry Ban*, huwa ma kienx qiegħed jaħdem fil-Bellini Bar, iżda kien mar hemmhekk biss bħala prova, sabiex jara jekk dak ix-xogħol kienx jgħodd għalih. Qal li ma ġiex ippruvat li huwa kellu kuntratt ta' impjieg ma' dan l-istabbiliment, jew li huwa ħa xi forma ta' rimunerazzjoni għal dak li kien qiegħed jagħmel hemmhekk.

15. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-Bord fid-deċiżjoni tiegħu spjega li kien qiegħed jagħmel il-konsiderazzjonijiet tiegħu wara li sema' x-xhieda ta' numru ta' uffiċjali pubbliċi, fosthom ta' Bernard Zarb, kif ukoll tal-Ispettur Hubert Gerada li taħt it-tmexxija tiegħu saret l-ispezzjoni. Jirriżulta li meta saret l-ispezzjoni, l-appellant kien qiegħed wara l-bar jaħsel xi *trays,* u meta ntalab

jipprovdi d-dokumentazzjoni tal-identifikazzjoni tiegħu, huwa ipproduċa l-permess tax-xogħol li kien inħariġlu biex jagħmel ix-xogħol primarju tiegħu, filwaqt li ġie stabbilit li huwa ma kellu l-ebda permess biex jagħmel xogħol sekondarju. Il-fatt li l-appellant instab f'post tad-divertiment f'ċirkostanzi li juru li huwa ma marx hemmhekk bħala klijent, iżda mar hemmhekk sabiex jaħdem, għaliex altrimenti ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn kellu jidħol wara l-*bar* u jibda jaħsel l-affarijiet, tqieset bħala prova suffiċjenti għall-uffiċjali pubbliċi li wettqu l-ispezzjoni, sabiex jistabbilixxu li l-appellant fil-fatt kien qiegħed jaħdem f'dan il-bar. Jirriżulta wkoll li wara li ġie mitkellem, l-appellant stqarr li huwa kellu bżonn impjieg sekondarju għaliex l-introjtu tiegħu mill-impjieg li kellu l-permess għalih, ma kienx suffiċjenti għalih biex jgħaddi tajjeb.

16. Il-Qorti tirrileva li fis-sistema tagħna, mhux aċċettat li persuna tmur f'post tagħmel xogħol bħala prova, mingħajr ma titqies li qiegħda taħdem fil-post. Irrispettivament mill-arranġament li kellu l-appellant ma' min kien qiegħed imexxi l-Bellini bar, u jekk il-ftehim bejniethom kienx li kellu jitħallas jew le, il-fatt li l-appellant instab qiegħed jagħmel 'xogħol' fil-post, kien biżżejjed biex huwa jitqies li kien qiegħed jagħmel xogħol li ma kellu l-ebda permess li jagħmel. L-appellant kien jaf li l-permess uniku li kellu, kien ikoprieh biss biex jagħmel ix-xogħol primarju fis-settur tal-kostruzzjoni, u kien jaf ukoll li jekk ried ibiddel is-settur jew jagħmel xogħol sekondarju, kellu bżonn permess għalhekk. Is-sanzjonijiet ikkontemplati mil-liġi huma magħrufa wkoll, u minkejja l-argument li sar li l-piena inflitta fuq l-appellant mhijiex waħda proporzjonata, tenut kont in-natura tal-offiża, din hija stipulata mil-liġi. Is-sanzjoni fil-fatt hija maħsuba biex isservi ta' deterrent, kemm għal min irid jaħdem, li jrid jassigura li jkollu d-dokumentazzjoni tiegħu kollha in regola qabel jibda impjieg ġdid, kif

ukoll għal min iħaddem, bit-tama li jonqos l-isfruttament u l-qasam tax-xogħol ikun wieħed regolarizzat. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li fil-każ odjern, minkejja li m'hemmx prova ta' kuntratt ta' xogħol bejn l-appellant u s-sid ta' Bellini Bar, iċ-ċirkostanzi kollha juru li dan kien qiegħed jaħdem, u kien qiegħed jagħmel dan mingħajr ma kien kopert bil-permessi meħtieġa. Għaldaqstant l-ewwel aggravju dwar in-nuqqas ta' prova li l-appellant kien qiegħed jaħdem b'mod irregolari, mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[Dwar il-prova li l-appellant mhuwiex kapaċi jmantni lilu nnifsu]*

17. L-appellant jgħid ukoll li huwa jħossu aggravat għaliex il-Bord iddeċieda li huwa ma weriex li huwa kapaċi jmantni lilu nnifsu, u fil-fatt l-appellant spjega li huwa kellu bżonn jagħmel impjieg sekondarju, għaliex bl-introjtu mill-impjieg primarju tiegħu, huwa ma kienx qiegħed ikampa.

18. Il-Qorti tirrileva li l-unika raġuni għalfejn l-appellant ġie Malta kienet għal skopijiet ta' xogħol, u fil-fatt huwa kien qiegħed f'Malta skont permess uniku li jawtorizzah jagħmel xogħol ma' kumpannija fis-settur tal-kostruzzjoni. L-appellant qal li huwa xtaq itejjeb l-introjtu tiegħu billi jagħmel xogħol sekondarju, minflok joqgħod id-dar ma jagħmel xejn filgħaxijiet, u kien għalhekk li beda jikkunsidra li jagħmel xogħol fi stabbiliment f'Paceville. Fin-nuqqas ta' provi ċari dwar il-mezzi tal-appellant, u b'liema mod dan kien qiegħed jgħix bid-dħul li kellu mill-impjieg primarju tiegħu, din il-Qorti qajla tista' tgħaddi ġudizzju dwar jekk l-appellant kellux mezzi biex imantni lilu nnifsu jew le. Imma l-Qorti żżomm ferm mal-konsiderazzjonijiet li għamlet fir-rigward tal-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, u tgħid biss li l-appellant kiser ir-regolamenti tal-Kap.

217, meta aċċetta li jagħmel impjieg li ma kellux permess għalih biex jagħmlu. Minħabba f'hekk huwa attira s-sanzjonijiet imposti fil-liġi, irrispettivament minn kemm-il darba l-appellant mar fil-Bellini Bar, jew x'kien l-arranġament li kellu mas-sid tal-istabbiliment dwar ir-rimunerazzjoni tiegħu.

19. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għall-allegazzjonijiet li saru mill-appellant fir-rigward tad-data li tidher fuq id-dokumenti esebiti, fejn huwa evidenti li hemm żball fis-sena '2023', filwaqt li l-firem u anki n-numru ta' referenza tal-atti lkoll jindikaw is-sena 2024 bħala s-sena relattiva għal meta seħħ dan kollu. Fi kwalunkwe każ, li kieku huwa minnu li dawn il-fatti seħħew fl-2023, l-appellant ma kienx ikun jista' jappella f'dan l-istadju, għaliex l-appell kien ikun *fuori termine,* iżda fil-fatt jirriżulta li l-appell tressaq entro t-terminu ta' tliet ijiem ta' xogħol mid-data tat-3 ta' Frar, 2024. Għaldaqstant u in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-appell tal-appellant qiegħed jiġi miċħud.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tiċħad ir-rikors tal-appell tal-appellant, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.** | **Rosemarie Calleja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |